RIŻOLUZZJONI (UE) 2022/1753 TAL-PARLAMENT EWROPEW

tal-4 ta' Mejju 2022

li tinkludi l-kummenti li jagħmlu parti integrali mid-deċiżjoni dwar il-kwittanza għall-implimentazzjoni tal-baġit tal-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Ikel (EFSA) għas-sena finanzjarja 2020

IL-PARLAMENT EWROPEW,

— wara li kkunsidra d-deċiżjoni tiegħu dwar il-kwittanza għall-implimentazzjoni tal-baġit tal-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Ikel għas-sena finanzjarja 2020,

— wara li kkunsidra l-Artikolu 100 u l-Anness V tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

— wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat għall-Ambjent, is-Saħħa Pubblika u s-Sikurezza tal-Ikel,

— wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Kontroll tal-Baġit (A9-0115/2022),

A. billi, skont id-dikjarazzjoni tad-dħul u l-infiq tagħha ([1]), il-baġit finali tal-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Ikel (l-"Awtorità") għas-sena finanzjarja 2020 kien EUR 103 023 255,80, li jirrappreżenta żieda ta' 27,60 % meta mqabbel mal-2019, prinċipalment minħabba żieda fl-infiq operazzjonali marbut mal-Awtorità; billi l-baġit tal-Awtorità huwa prinċipalment derivat mill-baġit tal-Unjoni;

B. billi l-Qorti tal-Awdituri ("il-Qorti"), fir-rapport tagħha dwar il-kontijiet annwali tal-Awtorità għas-sena finanzjarja 2020 ("ir-rapport tal-Qorti"), tiddikjara li kisbet aċċertamenti raġonevoli li l-kontijiet annwali tal-Awtorità huma affidabbli u li t-tranżazzjonijiet ta' bażi huma legali u regolari;

Ġestjoni baġitarja u finanzjarja

1. Jinnota b'sodisfazzjon li l-isforzi ta' monitoraġġ baġitarju matul is-sena finanzjarja 2020 irriżultaw f'rata ta' implimentazzjoni tal-baġit ta' 100 %, li meta mqabbla mal-2019 tirrappreżenta tnaqqis ċkejken ta' 0,01 %; jinnota, barra minn hekk, li r-rata ta' eżekuzzjoni tal-approprjazzjonijiet ta' pagament kienet ta' 88,41 %, li jfisser tnaqqis ta' 3,04 % meta mqabbla mal-2019;

Prestazzjoni

2. Jilqa' l-kontribut tal-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Ikel (l-"Awtorità") għas-sikurezza tal-katina tal-ikel u l-għalf tal-Unjoni, kif ukoll l-isforzi konsiderevoli tagħha biex tipprovdi konsulenza xjentifika komprensiva, indipendenti u aġġornata dwar kwistjonijiet marbuta mal-katina tal-ikel lill-maniġers tar-riskju, tikkomunika b'mod ċar ir-riżultati tagħha – u l-informazzjoni li huma bbażati fuqha – lill-pubbliku u tikkoopera ma' partijiet ikkonċernati u sħab istituzzjonali bil-għan li tippromwovi l-koerenza u l-fiduċja fis-sistema tas-sikurezza tal-ikel;

3. Jenfasizza li, fl-2020, l-Awtorità ffinalizzat 697 mistoqsija permezz ta' riżultati xjentifiċi, rapporti tekniċi u pubblikazzjonijiet ta' sostenn; jilqa' l-appoġġ f'waqtu tal-Awtorità lil dawk li jfasslu l-politika billi tipprovdi riżultati xjentifiċi wara mandati mogħtija mill-Parlament, prinċipalment fl-oqsma tas-saħħa u t-trattament xieraq tal-annimali, is-saħħa tan-naħal, it-trattament xieraq tal-fniek, it-trasport tal-annimali u r-reżistenza antimikrobika inklużi rapporti xjentifiċi u avvenimenti esterni;

4. Jenfasizza l-importanza ta' approċċ responsabbli, etiku u aġġornat u bbażat fuq ix-xjenza għat-titjib tat-trattament xieraq tal-annimali; jilqa' f'dak ir-rigward il-ħidma tal-Awtorità dwar it-tħejjija tal-istrateġija mill-Għalqa sal-Platt;

([1]) ĠU C 114, 31.3.2021, p. 69.

5. Ifakkar li, fl-2020, il-Parlament adotta żewġ oġġezzjonijiet għall-estensjonijiet tal-perjodi ta' approvazzjoni tal-ingredjenti attivi użati fil-pestiċidi li jissodisfaw il-kriterji ta' limitu u għalhekk ma għandhomx jiġu awtorizzati għall-użu fl-Unjoni ([2]); iħeġġeġ lill-Awtorità tħaffef il-valutazzjoni tagħha tal-abbozzi kollha tar-rapporti ta' rieżami tal-ingredjenti attivi u tagħmel dak kollu li tista' biex tħaffef il-proċess ta' rivalutazzjoni mill-Istati Membri li jirrapportaw sabiex tiġi evitata kwalunkwe estensjoni ġdida ta' pestiċidi perikoluż, jenfasizza li x-xogħol b'lura fil-valutazzjoni mill-ġdid tal-bijoċidi huwa ta' tħassib partikolari wkoll u huma meħtieġa aktar sforzi biex dan jiġi solvut;

6. Jinnota b'sodisfazzjon li l-Awtorità miexja lejn teknoloġiji mill-aktar avvanzati bl-inkorporar ta' metodoloġiji alternattivi ġodda u intelliġenza artifiċjali biex jissupplimentaw metodi ta' ttestjar fuq l-annimali; jirrikonoxxi li l-Awtorità flimkien mal-Aġenzija Ewropea għas-Sustanzi Kimiċi u ċ-Ċentru Ewropew għall-Prevenzjoni u l-Kontroll tal-Mard u ħames aġenziji oħra wettqu testijiet tal-istress tas-sistemi tagħhom tat-teknoloġija tal-informazzjoni u tal-komunikazzjoni (ICT) qabel ma varaw arranġamenti sħaħ ta' telexogħol li taw aktar assigurazzjoni dwar il-funzjonament tas-sistemi tal-ICT qabel il-bidla għal telexogħol komprensiv; iħeġġeġ lill-Awtorità żżid l-isforzi tagħha biex tipproteġi aktar il-benessri tal-annimali u tippromwovi l-użu ta' metodi ta' ttestjar mhux fuq l-annimali, anke fil-kooperazzjoni tagħha ma' istituzzjonijiet oħra;

7. Jilqa' t-tlestija tar-rapport ta' sinteżi tal-Unjoni dwar ir-reżistenza antimikrobika f'batterji żoonotiċi u batterji indikaturi mill-bniedem, mill-annimali u mill-ikel, u li dwaru l-Awtorità kkollaborat maċ-Ċentru Ewropew għall-Prevenzjoni u l-Kontroll tal-Mard; jenfasizza f'dan ir-rigward il-problema tar-reżistenza dejjem tiżdied ta' dawn il-batterji għall-antibijotiċi użati normalment;

8. Jinnota li l-Awtorità tuża indikaturi ewlenin tal-prestazzjoni (KPIs) fl-approċċ komprensiv tagħha għall-ġestjoni bbażata fuq il-prestazzjoni biex tkejjel il-valur miżjud mogħti mill-attivitajiet tagħha, speċjalment fir-rigward tal-kondiviżjoni tal-informazzjoni xjentifika; jinnota, barra minn hekk, li l-Awtorità tuża KPIs oħra biex ittejjeb il-ġestjoni tal-baġit tagħha; jinnota li fl-2020 tħassru sitt indikaturi u żdiedu tnejn;

9. Jinnota li l-Awtorità hija impenjata li twettaq in-negozju ewlieni tagħha u fl-2020 bdiet it-tħejjijiet għall-implimentazzjoni tar-Regolament (UE) 2019/1381 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([3]), bil-għan li tiżviluppa proċessi ġodda, tirrieżamina l-istruttura tal-persunal, u tingrana l-kapaċitajiet tagħha ta' ġestjoni tat-teknoloġija u tal-informazzjoni; jinnota wkoll li fl-2020 l-Awtorità setgħet tillimita l-impatt tal-pandemija fuq il-prestazzjoni tagħha, bi tnaqqis ċkejken biss fil-produttività, minħabba r-rieda teknoloġika tal-Awtorità li taqleb minn ambjent tax-xogħol fiżiku għal ambjent tax-xogħol diġitali kmieni biżżejjed; jinnota wkoll li fl-2020 l-Awtorità kienet għadha qed tiżviluppa l-Istrateġija 2027 tagħha; jappella lill-Aġenzija tirrapporta għand l-awtorità tal-kwittanza dwar kwalunkwe progress f'dak ir-rigward;

([2]) Ir-Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tas-26 ta' Novembru 2020 dwar ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2020/1511 tas-16 ta' Ottubru 2020 li jemenda r-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 540/2011 fir-rigward tal-estensjoni tal-perjodi ta' approvazzjoni tas-sustanzi attivi amidosulfuron, bifenox, chlorotoluron, clofentezine, clomazone, cypermethrin, daminozide, deltamethrin, dicamba, difenoconazole, diflufenican, fenoxaprop-P, fenpropidin, fludioxonil, flufenacet, fosthiazate, indoxacarb, lenacil, MCPA, MCPB, nicosulfuron, paraffin oils, picloram, prosulfocarb, sulphur, triflusulfuron u tritosulfuron (ĠU C 425, 20.10.2021, p. 87) u r-Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tal-10 ta' Ġunju 2021 dwar ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2021/745 tas-6 ta' Mejju 2021 li jemenda r-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 540/2011 fir-rigward tal-estensjoni tal-perjodi ta' approvazzjoni tas-sustanzi attivi sulfat tal-aluminju u tal-ammonju, silikat tal-aluminju, beflubutamid, benthiavalicarb, bifenazate, boscalid, karbonat tal-kalċju, captan, diossidu tal-karbonju, cymoxanil, dimethomorph, ethephon, estratt mis-siġra tat-te, famossadon, residwi mid-distillazzjoni tax-xaħam, aċidi grassi C7 sa C20, flumjossażin, fluoxastrobin, fluworokloridon, folpet, formetanate, gibberellic acid, gibberellins, heptamaloxyloglucan, proteini idrolizzati, sulfat tal-ħadid, metazachlor, metribuzin, milbemectin, ir-razza 251 tal-Paecilomyces lilacinus, fenmedifam, phosmet, pirimiphos-methyl, żjut tal-pjanti/żejt tal-kolza, karbonat idroġenat tal-potassju, propamocarb, prothioconazole, ramel tal-kwarz, żejt tal-ħuta, repellenti permezz ta' riħa ta' oriġini mill-annimali jew mill-pjanti/xaħam tan-nagħaġ, S-metolachlor, Feromoni tal-Lepidopteri ta' Katina Dritta, tebukonażol u urea (ĠU C 67, 8.2.2022, p. 75).

([3]) Ir-Regolament (UE) 2019/1381 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Ġunju 2019 dwar it-trasparenza u s-sostenibbiltà tal-valutazzjoni tar-riskju tal-UE fil-katina alimentari u li jemenda r-Regolament (KE) Nru 178/2002, (KE) Nru 1829/2003, (KE) Nru 1831/2003, (KE) Nru 2065/2003, (KE) Nru 1935/2004, (KE) Nru 1331/2008, (KE) Nru 1107/2009, (UE) 2015/2283 u d-Direttiva 2001/18/KE (ĠU L 231, 6.9.2019, p. 1).

10. Jilqa' l-isforzi meħuda mill-Awtorità biex issaħħaħ il-kollaborazzjoni tagħha ma' aġenziji oħra tal-Unjoni, b'mod partikolari billi tiffoka fuq il-kondiviżjoni tal-għarfien u tal-aħjar prattiki u teżamina sinerġiji potenzjali permezz tal-istabbiliment ta' networks f'oqsma bħall-ippjanar tal-akkwist, it-teknoloġiji tal-informazzjoni u tal-komunikazzjoni, l-intelliġenza artifiċjali, il-komunikazzjoni esterna u l-ġestjoni tar-riżorsi umani; jinnota li l-Awtorità wettqet attivitajiet bħal dawn maċ-Ċentru Ewropew għall-Prevenzjoni u l-Kontroll tal-Mard, l-Aġenzija Ewropea għas-Sustanzi Kimiċi, l-Aġenzija Ewropea għall-Mediċini, u l-Aġenzija Ewropea għall-Ambjent;

11. Jinnota, fir-rigward tal-osservazzjonijiet ta' segwitu għall-kwittanza tal-2019, li l-Awtorità taqbel bis-sħiħ mal-objettiv li l-aġenziji tal-Unjoni jiġu diġitalizzati; jinnota li, f'konformità mal-Istrateġija 2027 tagħha, l-Awtorità għandha l-għan li tkompli tinvesti fid-diġitalizzazzjoni tal-proċessi tagħha u li timmodernizza l-infrastruttura eżistenti tal-IT, timmassimizza l-kollaborazzjoni u l-iskambju tal-għarfien fi ħdan u barra l-Awtorità, u b'hekk tiżgura aċċess usa', aktar effiċjenti u aktar rapidu għall-intelligence xjentifika; jinnota wkoll li l-Awtorità tikkontribwixxi għall-istrateġija diġitali tal-Kummissjoni, billi tipparteċipa fl-inizjattiva tal-Aġenziji tal-Politika tas-Saħħa u tal-Kollaborazzjoni tal-Kummissjoni Ewropea (HPAC) immexxija mid-Direttorat Ġenerali għas-Saħħa u s-Sikurezza Alimentari, filwaqt li tfittex l-effiċjenza permezz ta' sinerġiji u kollaborazzjonijiet fit-twassil ta' soluzzjonijiet diġitali komuni;

Politika dwar il-persunal

12. Jinnota li, fil-31 ta' Diċembru 2020, it-tabella tal-persunal kellha rata ta' implimentazzjoni ta' 97,46 %, b'5 uffiċjali u 340 aġent temporanju maħtura mit-total ta' 354 post tax-xogħol awtorizzati fl-ambitu tal-baġit tal-Unjoni (meta mqabbla ma' 320 post awtorizzati fl-2019); jinnota li, barra minn hekk, 122 aġent kuntrattwali u 14-il espert nazzjonali sekondat kienu qed jaħdmu għall-Awtorità fl-2020;

13. Jistieden lill-Kummissjoni tagħti lill-Awtorità, f'każijiet debitament ġustifikati, l-għażla li tirrekluta aktar aġenti kuntrattwali milli hemm previst fil-pjanijiet ta' stabbiliment, għal perjodu limitat ta' żmien u mingħajr ma jinqabeż il-pakkett baġitarju annwali maqbul tal-Awtorità; iqis li tali flessibbiltà tħaffef it-tnaqqis tal-akkumulazzjoni ta' xogħol b'lura u t-tlestija tardiva tad-dossiers attwali minħabba nuqqas ta' riżorsi umani; jinsisti li dawk l-aġenti kuntrattwali jeħtieġ li ovvjament jikkonformaw mar-regoli ta' indipendenza tal-Awtorità;

14. Iqis li huwa r-rwol tal-Awtorità li tfittex b'mod attiv esperti ta' livell għoli u tikkonvinċihom jieħdu sehem fil-ħidma tagħha, billi tirrikonoxxi r-rilevanza u l-affidabbiltà tar-riċerka tagħhom rieżaminata bejn il-pari meta jwettqu l-analiżi xjentifika tagħha stess f'konformità mal-Artikolu 8(5) tar-Regolament (KE) Nru 1107/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([4]).

15. Jinnota l-bilanċ tal-ġeneru fi ħdan il-membri tal-maniġment superjuri tal-Awtorità, bi 3 minn 5 (60 %) ikunu nisa; jinnota bi tħassib l-iżbilanċ bejn il-ġeneri fil-Bord tal-Amministrazzjoni tal-Awtorità, bi 12 minn 15 (80 %) ikunu rġiel; jinnota l-bilanċ bejn il-ġeneri fi ħdan il-persunal ġenerali tal-Awtorità, b'285 minn 467 (61,03 %) ikunu nisa; jitlob lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jqisu l-importanza li jiġi żgurat bilanċ bejn il-ġeneri meta jinnominaw lill-membri tagħhom fil-bord amministrattiv tal-Aġenzija;

16. Jinnota li l-Awtorità kompliet bl-attivitajiet tagħha u kienet kapaċi twettaq il-programm ta' ħidma tagħha minkejja l-pandemija tal-COVID-19; jinnota, madankollu, li l-baġit tal-Awtorità għadda minn bidliet bi tnaqqis ta' EUR 5 000 000 f'approprjazzjonijiet ta' impenn u ta' pagament minħabba l-impatt tal-pandemija tal-COVID-19 fuq il-missjonijiet, it-taħriġ, il-provvisti tal-enerġija, il-manutenzjoni u l-kanċellazzjoni ta' laqgħat fiżiċi; jinnota li l-Awtorità b'mod korrispondenti esperjenzat tnaqqis fid-dħul minħabba s-sitwazzjoni epidemjoloġika;

([4]) Ir-Regolament (KE) Nru 1107/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' Ottubru 2009 dwar it-tqegħid fis-suq ta' prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti u li jħassar id-Direttivi tal-Kunsill 79/117/KEE u 91/414/KEE (ĠU L 309, 24.11.2009, p. 1).

17. Jinnota li l-Awtorità tilqa' r-rakkomandazzjoni tal-awtorità ta' kwittanza u hija kompletament konxja mill-ħtieġa għal bilanċ ġeografiku aħjar fl-organizzazzjoni tagħha, b'mod partikolari inklużi ċ-ċittadini tal-Istati Membri li ssieħbu fl-Unjoni fl-2004; jinnota li l-Awtorità bħalissa qed tippromwovi sensiela ta' inizjattivi mmirati biex iżżid l-attraenza tagħha u ttejjeb il-bilanċ tan-nazzjonalità tagħha; jinnota li l-Awtorità qed tiffoka b'mod partikolari fuq iż-żieda tal-viżibbiltà tagħha bl-appoġġ tad-Dipartiment tal-Komunikazzjoni u l-Kooperazzjoni, in-Network tal-Aġenziji tal-UE, kif ukoll aġenziji internazzjonali u organizzazzjonijiet oħra; jinnota li l-Awtorità qed taħdem ukoll fuq tixrid immirat tal-postijiet battala tagħha lil pajjiżi sottorappreżentati biex tkabbar il-grupp ta' applikanti permezz tal-użu ta' LinkedIn, bordijiet tal-impjiegi u l-appoġġ tal-Punti Fokali nazzjonali tagħna; jistieden lill-Awtorità żżomm lill-awtorità ta' kwittanza aġġornata bl-iżviluppi f'dan ir-rigward;

Akkwist

18. Jinnota li l-Awtorità kienet involuta fin-Network ta' Uffiċjali tal-Akkwist (NAPO), li kkontribwixxa b'mod sinifikanti għall-implimentazzjoni tal-programm ta' ħidma tagħha għall-2020, u nieda u ffirma seba' sejħiet ta' akkwist bejn l-aġenziji fl-2020, li rriżulta fi ffrankar stmat ta' EUR 2,1 miljun għall-baġit tal-Unjoni; jinnota li l-Awtorità mexxiet seba' mid-disa' proċeduri bejn l-aġenziji b'total ta' ffrankar stmat ta' EUR 2,4 miljun; jilqa' l-kollaborazzjoni kontinwa tal-Awtorità ma' aġenziji oħra tal-Unjoni bħall-Aġenzija Ewropea għas-Sustanzi Kimiċi, iċ-Ċentru Ewropew għall-Kontroll tal-Mard, l-Aġenzija Ewropea għall-Mediċini, u l-Aġenzija Ewropea għall-Ambjent biex jiġu identifikati opportunitajiet għal akkwist konġunt dwar suġġetti xjentifiċi komuni; jappella lill-Aġenzija tirrapporta għand l-awtorità tal-kwittanza dwar kwalunkwe progress f'dak ir-rigward;

Prevenzjoni u ġestjoni tal-kunflitti ta' interess u trasparenza

19. Jirrikonoxxi l-miżuri eżistenti u l-isforzi kontinwi tal-Awtorità biex tiżgura t-trasparenza, il-prevenzjoni u l-ġestjoni tal-kunflitti ta' interess u l-protezzjoni tal-informaturi; jiddispjaċih li l-Awtorità ma tippubblikax is-CVs tal-membri tal-persunal tagħha online; iħeġġeġ lill-Awtorità tieħu miżuri f'dak ir-rigward;

20. Jinkoraġġixxi trasparenza akbar għall-partijiet ikkonċernati speċjalment mill-komunità tal-organizzazzjonijiet mhux governattivi; jappoġġa l-objettiv strateġiku tal-Awtorità li tkompli trawwem sħubijiet ma' aġenziji oħra, kif ukoll ma' organizzazzjonijiet internazzjonali u pajjiżi terzi, lejn ekosistema tal-Unjoni "Saħħa Waħda", filwaqt li tkompli l-involviment tagħha mal-partijiet ikkonċernati tagħha u mal-pubbliku permezz ta' pjattaformi u fora xierqa, li għandhom jirriżultaw f'aktar ekonomiji ta' skala;

21. Jirrikonoxxi l-isforzi tal-Awtorità biex ittaffi t-tħassib fir-relazzjonijiet mal-kunflitti ta' interess tal-impjegati tagħha; jinnota li l-istandards dwar il-kunflitt ta' interess jistgħu jissaħħu aktar;

22. Jinnota li fl-2020 l-Awtorità identifikat u mmaniġġjat 31 kunflitt ta' interess fil-livell ta' dikjarazzjonijiet ta' interessi annwali li jappartjenu għal esperti esterni; jinnota li l-Awtorità ddeċidiet li teskludi espert wieħed mis-sħubija fil-grupp xjentifiku tal-Awtorità; jistieden lill-Awtorità tkompli bl-isforzi tagħha fl-identifikazzjoni u l-ġestjoni tal-kunflitti ta' interess u oħrajn potenzjali, u żżomm lill-awtorità ta' kwittanza infurmata;

23. Jinnota, fir-rigward tal-osservazzjonijiet ta' segwitu għall-kwittanza tal-2019 dwar il-każ tal-Ombudsman Ewropew li l-Awtorità qed tikkunsidra l-iżvilupp ta' proċeduri interni għall-prevenzjoni tal-aċċess għal informazzjoni kunfidenzjali meta jiġi nnotifikat li membru tal-persunal qed jiċċaqlaq għal impjieg ieħor barra l-Awtorità wara t-tmiem tas-servizz; jistieden lill-Awtorità tirrapporta dwar l-iżviluppi f'dak ir-rigward;

Rispons għall-COVID-19 u kontinwità tal-operat

24. Jinnota li l-Awtorità kompliet bl-attivitajiet tagħha u kienet kapaċi twettaq il-programm ta' ħidma tagħha minkejja l-pandemija tal-COVID-19; jinnota, madankollu, li l-baġit tal-Awtorità għadda minn bidliet bi tnaqqis ta' EUR 5 000 000 f'approprjazzjonijiet ta' impenn u ta' pagament minħabba l-impatt tal-pandemija tal-COVID-19 fuq il-missjonijiet, it-taħriġ, il-provvisti tal-enerġija, il-manutenzjoni u l-kanċellazzjoni ta' laqgħat fiżiċi; jinnota li l-Awtorità b'mod korrispondenti esperjenzat tnaqqis fid-dħul minħabba s-sitwazzjoni epidemjoloġika;

25. Jirrikonoxxi d-dikjarazzjoni tal-Awtorità li l-governanza u l-istruttura tal-programm ta' ħidma tagħha baqgħu kompletament operattivi minkejja r-restrizzjonijiet u l-konfinament minħabba l-pandemija tal-COVID-19 u li l-Awtorità kompliet bl-attivitajiet tagħha u kienet kapaċi twettaq il-programm ta' ħidma tagħha; jirrikonoxxi l-bidliet li saru fil-baġit tal-Awtorità, bi tnaqqis ta' impenji u pagamenti u tnaqqis korrispondenti fid-dħul, wara analiżi dettaljata tal-valutazzjoni tal-impatt tas-SARS-COV-2 li twettqet mill-Awtorità f'kooperazzjoni mad-Direttorat Ġenerali għas-Saħħa u s-Sikurezza Alimentari;

Kontrolli interni

26. Jinnota li l-Awtorità wettqet valutazzjoni tas-sistemi ta' kontroll intern tagħha għas-sena ta' rapportar u kkonkludiet li, b'mod ġenerali, il-komponenti u l-prinċipji kollha ta' kontroll intern kienu preżenti u jiffunzjonaw kif maħsub; jilqa' l-fatt li, madankollu, l-Awtorità identifikat għadd ta' miżuri li se jittieħdu biex ikomplu jissaħħu l-ġestjoni ta' informazzjoni sensittiva, l-arkitettura tal-proċess tal-Awtorità, il-metodoloġija tal-ġestjoni tal-proċess, u l-ġestjoni tar-riskju u l-kontroll intern;

27. Jinnota li s-servizz tal-awditjar intern wettaq awditu dwar il-valutazzjoni u l-adozzjoni tal-outputs xjentifiċi fil-qasam tal-ingredjenti tal-ikel u l-imballaġġ u f'Ottubru 2020 ħareġ ir-rapport finali tiegħu lill-Awtorità; jinnota li s-servizz tal-awditjar intern ikkonkluda li għalkemm il-proċess għall-valutazzjoni u l-adozzjoni tar-riżultati xjentifiċi taħt il-qasam tal-ingredjenti tal-ikel u l-imballaġġ huwa ġeneralment imfassal b'mod adegwat, effettiv u effiċjenti, inħarġet osservazzjoni tal-awditjar importanti ħafna rigward id-dgħufija fl-implimentazzjoni effettiva u f'waqtha tal-evalwazzjoni mill-ġdid tal-additivi u l-enzimi tal-ikel;

28. Jinnota li f'Ottubru 2020 is-servizz tal-awditjar intern beda awditu intern dwar il-proċeduri ta' akkwist u ta' għoti ta' għotjiet tal-Awtorità; jinnota li l-awditu, li jkopri l-proċeduri ta' akkwist u ta' għoti ta' għotjiet finalizzati fis-snin 2019 u 2020, ġie ppubblikat fl-ewwel semestru tal-2021;

Kummenti oħra

29. Jinnota l-isforzi tal-Awtorità biex tiżgura post tax-xogħol kosteffettiv u li jkun ekokompatibbli; jinnota l-adozzjoni mill-Awtorità ta' soluzzjonijiet strutturali u tal-pjanti mmirati lejn it-tnaqqis tal-enerġija, il-konsum tal-ilma u l-emissjonijiet tas-CO_2;

30. Jinnota l-isforzi tal-Awtorità biex tuża l-pjattaformi tal-midja soċjali bħala għodda primarja biex ixxerred il-materjal ta' komunikazzjoni tagħha biex tilħaq lill-partijiet ikkonċernati u liċ-ċittadini; jinnota li l-attivitajiet tal-midja soċjali tal-Awtorità kisbu riżultati qawwija, b'żieda minn sena għal sena ta' segwaċi fuq il-kontijiet tal-midja soċjali tagħha ta' kważi 30 % meta mqabbla mal-2019; jinnota li l-Awtorità kompliet timplimenta l-pjan direzzjonali tagħha dwar ix-xjenza soċjali fl-2020, li jipprovdi lill-Awtorità b'fehim aħjar tal-perċezzjonijiet tar-riskju taċ-ċittadini u l-ħtiġijiet ta' informazzjoni, u min-naħa tiegħu jippermetti komunikazzjoni tar-riskju aktar immirata u li tħalli impatt; jinnota wkoll li l-Awtorità kompliet tinvesti fis-sit web u fil-pubblikazzjonijiet diġitali tagħha, b'titjib speċifiku li sar fl-2020 li kien jinkludi l-migrazzjoni tal-hosting tas-sit web tal-Awtorità għall-cloud ta' Amazon Web, kif ukoll aġġornament għas-sistema ta' ġestjoni tal-kontenut Drupal 8; jistieden lill-Awtorità tirrapporta dwar l-iżviluppi fir-rigward tal-istrateġija ta' komunikazzjoni u fit-tranżizzjoni diġitali tagħha;

31. Jirreferi, fir-rigward tal-kummenti l-oħrajn li jakkumpanjaw id-deċiżjoni tiegħu dwar il-kwittanza, li huma ta' natura orizzontali, għar-riżoluzzjoni tiegħu tal-4 ta' Mejju 2022 ([5]) dwar il-prestazzjoni, il-ġestjoni finanzjarja u l-kontroll tal-aġenziji.

([5]) Testi adottati, P9_TA(2022)0196.